SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

26 ta' Marzu 2020*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali – Regolament (KE) Nru 44/2001 – Punt 1 tal-Artikolu 5 – Ġurisdizzjoni fil-qasam kuntrattwali – Artikoli 15 sa 17 – Ġurisdizzjoni fil-qasam tal-kuntratti konklużi mill-konsumaturi – Regolament (KE) Nru 261/2004 – Artikoli 6 u 7 – Dritt ta' kumpens fil-każ ta' dewmien twil ta' titjira– Kuntratt ta' trasport li jikkombina vjaġġ u akkomodazzjoni konklużi bejn il-passiġġier u aġenzija tal-ivvjaġġar – Rikors għal kumpens dirett kontra t-trasportatur tal-ajru mhux parti f'dan il-kuntratt – Direttiva 90/314/KEE – Vjaġġ kollox kompriż"

Fil-Kawża C-215/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Obvodní soud pro Prahu 8 (il-Qorti tad-Distrett Amministrattiv ta' Praga 8, ir-Repubblika Ċeka), permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Jannar 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-26 ta' Marzu 2018, fil-proċedura

Libuše Králová

vs

Primera Air Scandinavia A/S,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, M. Safjan (Relatur), L. Bay Larsen, C. Toader u N. Jääskinen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: H. Saugmandsgaard Øe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Šimerdová u M. Heller, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2019,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-punt 1 tal-Artikolu 5 u tal-Artikoli 15 sa 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19 Vol. 4, p. 42), kif ukoll tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7 Vol. 8, p. 10).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' tilwima bejn Libuše Králová u Primera Air Scandinavia A/S, kumpannija kummerċjali ta' trasport bl-ajru stabbilita fid-Danimarka (iktar 'il quddiem "Primera"), fir-rigward ta' rikors għal kumpens taħt ir-Regolament Nru 261/2004 minħabba d-dewmien twil fuq titjira minn Praga (ir-Repubblika Ċeka) lejn Keflavík (l-Islanda) operata minn Primera.

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament Nru 44/2001

3 Ir-Regolament Nru 44/2001 ġie mħassar bir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1). Madankollu, bis-saħħa tal-Artikolu 81 tiegħu dan l-aħħar Regolament huwa applikabbli biss mill-10 ta' Jannar 2015. Konsegwentement, fid-dawl tad-data tal-fatti tal-kawża prinċipali, din tibqa' rregolata mir-Regolament Nru 44/2001.

4 Il-premessi 11 sa 13 tar-Regolament Nru 44/2001 kienu jiddikjaraw:

> "(11) Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni għandhom jiġu mbassra minn qabel u stabbiliti fuq il-prinċipju li l-ġurisdizzjoni hija ġeneralment ibbażata fuq id-domiċilju tal-konvenut u l-ġurisdizzjoni għandha dejjem tkun disponibbli fuq dan il-lat ħlief għal ftit sitwazzjonijiet definiti sewwa li fihom is-suġġett tal-materja tal-litigazzjoni jew ta' awtonomija tal-partijiet tkun teħtieġ fattur differenti. Id-domiċilju ta' persuna ġuridika għandu jiġi definit b'awtonomija u b'hekk jagħmel ir-regoli komuni aktar trasparenti u jevita kunflitti ta' ġurisdizzjoni.
>
> (12) B'żieda mad-domiċilju tal-konvenut, għandu jkun hemm bażi alternattiva ta' ġurisdizzjoni bbażata fuq rabta mill-qrib bejn il-qorti u l-azzjoni jew sabiex tkun iffaċilitata amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.
>
> (13) B'relazzjoni ma' assigurazzjoni, kuntratti tal-konsumatur u impjieg, il-parti l-anqas b'saħħitha għandha tiġi mħarsa b'regoli ta' ġurisdizzjoni l-aktar favorevoli għall-interessi tiegħu milli hemm provduti fir-regoli ġenerali."

5 Skont l-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament:

> "Bla preġudizzju għal dan ir-Regolament, persuni b'domiċilju fi Stat Membru għandhom, independentament min-nazzjonalità tagħhom, jiġu mfittxija fil-qrati ta' dak l-Istat Membru."

6 L-Artikolu 5 tal-imsemmi regolament kien jagħmel parti mis-Sezzjoni 2 tal-Kapitolu II tiegħu intitolat "Ġurisdizzjoni speċjali". Il-punt 1 ta' dan l-artikolu kien jipprevedi:

"Persuna domiċiljata fi Stat Membru tista', fi Stat Membru ieħor, tkun imfittxijja:

1) a) f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' xi kuntratt, fil-qrati tal-post tat-twettieq ta' l-obbligi f'dak il-każ;
   b) għall-iskopijiet ta' din id-disposizzjoni u sa kemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, il-post tat-twettieq ta' l-obbligi f'dak il-każ għandu jkun:

      – fil-każ ta' bejgħ ta' oġġetti, il-post fl-Istat Membru fejn, skond il-kuntratt, l-oġġetti ġew kunsinjati jew suppost li kienu kunsinjati,

      – fil-każ ta' provista ta' servizzi, il-post fl-Istat Membru fejn, skond il-kuntratt, fejn ġew provduti jew suppost li kienu provduti servizzi,
   c) jekk sub-paragrafu (b) ma japplikax, japplika s-sub-paragrafu (a)".

7 L-Artikolu 15 tal-istess regolament, li kien jagħmel parti mis-Sezzjoni 4 tal-Kapitolu II tiegħu, intitolat "Ġurisdizzjoni fuq kuntratti tal-konsumatur", kien jipprovdi:

"1. F'materji li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratt konkluż minn xi persuna, il-konsumatur, għal skop li jista' jkun meqjus 'l hinn minn negozju jew professjoni tiegħu, il-ġurisdizzjoni għandha tiġi determinata b'din is-Sezzjoni, mingħajr preġudizju għall-Artikolu 5 u punt 5 tal-Artikolu 5, jekk:

[…]

c) fil-każijiet l-oħra kollha, il-kuntratt ikun ġie konkluż ma' persuna li tinvolvi ruħha f'attivitajiet kummerċjali jew professjonali fl-Istat Membru tad-domiċilju tal-konsumatur jew, b'xi mezzi, imexxi tali attivitajiet għal dak l-Istat Membru jew għal diversi Stati inkluż dak l-Istat Membru, u li l-kuntratt jidħol fl-iskop ta' attivitajiet bħal dawk.

2. Meta konsumatur jidħol f'kuntratt ma' parti li ma jkunx domiciljat fi Stat Membru iżda illi jkollu fergħa, aġenzija jew xi stabbiliment ieħor f'wieħed mill-Istati Membri, dik il-parti għandu, fi kwistjonijiet li jinqalgħu mill-operazzjonijiet tal-fergħa, aġenzija jew stabbiliment, ikun meqjus bħala domiċiljat f'dak l-Istat.

3. Din is-Sezzjoni m'għandiex tapplika għal kuntratt ta' trasport apparti minn kuntratt li, għal prezz inklussiv, jipprovdi għal taħlita ta' vjaġġar u akkomodazzjoni."

8 L-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 44/2001, li kien jinsab taħt din is-Sezzjoni 4, kien ifformulat kif ġej fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Konsumatur jista' jressaq proċedimenti kontra l-parti l-oħra ta' kuntratt jew fil-qrati ta' l-Istat Membru li fih jkun domiċiljat dak il-parti jew fil-qrati tal-post fejn ikun domiċiljat il-konsumatur."

9 Skont l-Artikolu 17 ta' dan ir-regolament:

"Id-disposizzjonijiet ta' din is-Sezzjoni jistgħu jitwarrbu biss bi ftehim:

1) li jkun seħħ wara li tkun qamet il-kwistjoni; jew

2) li jippermetti lill-konsumatur li jressaq proċedimenti fi qrati apparti minn dawk indikati f'din is-sezzjoni; jew

3) li jkun sar mill-konsumatur u l-parti l-oħra tal-kuntratt li t-tnejn li huma fil-waqt tal-konklużjoni tal-kuntratt ikunu domiċiljati jew ikunu abitwalment residenti fl-istess Stat Membru, u li jagħti l-ġurisdizzjoni lill-qrati ta' dak l-Istat Membru, basta li ftehim bħal dak ma jkunx kuntrarju għal-liġi ta' dak l-Istat Membru."

Ir-Regolament Nru 261/2004

10 L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 261/2004, intitolat "Soġġett", jiddikjara, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi, taħt il-kondizzjonijiet speċifikati hawnhekk, drittijiet minimi għal passiġġieri meta:

a) ma jitħallewx jitilgħu kontra l-volontà tagħhom;

b) it-titjira tagħhom hi kkanċellata;

c) it-titjira tagħhom hi mdewma."

11 L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, intitolat "Definizzjonijiet", jipprevedi:

"Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

[…]

b) 'trasportatur ta' l-ajru li jopera' ifisser trasportatur ta' l-ajru li jwettaq jew li għandu l-ħsieb li jwettaq titjira taħt kuntratt ma' passiġġier jew f'isem persuna oħra, legali jew naturali, li għandha kuntratt ma' dak il-passiġġier;

[…]"

12 L-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament, intitolat "Skop", jipprovdi:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika:

a) għal passiġġieri li jitilqu minn ajruport li jinstab fit-territorju ta' Stat Membru għal liema japplika t-Trattat;

[…]

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika fuq il-kondizzjoni li l-passiġġieri:

a) għandhom reżervazzjoni kkonfermata fuq it-titjira in kwistjoni u, ħlief fil-każ ta' kanċellazzjoni msejħa fl-Artikolu 5, jippreżentaw lilhom infushom għal check-in,

– kif stabbilit u fil-ħin indikat minn qabel u bil-miktub (inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi) mit-trasportatur ta' l-ajru, l-operatur tat-tour jew l-aġent tal-vjaġġ awtorizzat,

jew, jekk l-ebda ħin hu indikat,

– mhux aktar tard minn 45-il minuta qabel il-ħin tat-tluq ippubblikat; jew

[…]

5. Dan ir-Regolament għandu japplika għal kwalunkwe trasportatur ta' l-ajru li jopera li jipprovdi trasport għall-passiġġieri koperti mil-paragrafi 1 u 2. Fejn trasportatur ta' l-ajru li jopera li m'għandu l-ebda kuntratt mal-passiġġier iwettaq obbligazzjonijiet taħt dan ir-Regolament, għandu jiġi meqjus li qed jagħmel dan f'isem il-persuna li għandha kuntratt ma' dak il-passiġġier.

6. Dan ir-Regolament m'għandux jaffetwa d-drittijiet ta' passiġġieri taħt id-[Direttiva tal-Kunsill 90/314 tat-13 ta' Ġunju 1990 dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel), il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 10, p. 132)]. Dan ir-Regolament m'għandux japplika f'każijiet fejn package tour hu kkanċellat għal raġunijiet barra minn kanċellazzjoni tat-titjira."

13 L-Artikolu 6 tal-istess regolament, intitolat "Dewmien", jipprevedi:

"1. Meta trasportatur ta' l-ajru li jopera jistenna b'mod raġonevoli li titjira tiġi mdewma lil hin mil-ħin tat-tluq tagħha skedat:

a) għal sagħtejn jew aktar, fil-każ ta' titjiriet ta' 1500 kilometru jew inqas; jew

b) għal tlett sigħat jew aktar, fil-każ tat-tijiriet intra-Komunitarji kollha ta' aktar minn 1500 kilometru u għat-titjiriet oħrajn kollha bejn 1500 u 3500 kilometru; jew

c) għal erba' sigħat jew aktar, fil-każ tat-titjiriet kollha li ma jaqawx taħt (a) jew (b),

passiġġieri għandhom jiġu offruti mil-trasportatur ta' l-ajru li jopera:

i) l-assistenza speċifikata fl-Artikolu 9(1)(a) u 9(2); u

ii) meta l-ħin tat-tluq raġonevolment mistenni hu mill-inqas il-ġurnata wara l-ħin tat-tluq li kien imħabbar qabel, l-assistenza speċifikata fl-Artikolu 9(1)(b) u 9(1)[(c)]; u

iii) meta d-dewmien hu ta' mill-inqas ħames sigħat, l-assistenza speċifikata fl-Artikolu 8(1)(a).

2. Fi kwalunkwe każ, l-assistenza għandha tiġi offruta fil-limiti tal-ħin stabbiliti hawn fuq fir-rigward ta' kull parentesi ta' distanza."

14 L-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 261/2004, intitolat "Dritt għall-kumpens", jipprovdi, fil-paragrafu 1(2) tiegħu:

"Fejn referenza hi magħmula għal dan l-Artikolu, passiġġieri għandhom jirċievu kumpens li jammonta għal:

[…]

b) EUR 400 għat-titjiriet intra-Komunitarji kollha ta' aktar minn 1500 kilometru, u għat-titjiriet oħrajn kollha bejn 1500 u 3500 kilomentru".

15 L-Artikolu 8 ta' dan ir-regolament, intitolat, "Dritt għar-rimbors jew rotta differenti", jipprevedi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Il-paragrafu 1(a) għandu japplika wkoll għal passiġġieri li t-titjiriet tagħhom jifformaw parti minn package, ħlief għad-dritt għal rimbors fejn dan id-dritt iqum taħt id-Direttiva 90/314/KEE."

Id-Direttiva 90/314

16 Id-Direttiva 90/314, li kienet applikabbli fi żmien il-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kienet tipprovdi, fl-Artikolu 2(1):

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

1) 'pakkett' tfisser it-tagħqid irranġat minn qabel ta' mhux anqas minn tnejn minn dawn li ġejjin meta jinbiegħu jew jiġu offruti għall-bejgħ bi prezz inklużiv u meta s-servizz ikopri perjodu ta' aktar minn erbgħa u għoxrin siegħa jew jinkludi akkomodazzjoni ta' bil-lejl:
   a) it-trasport;
   b) l-akkommodazzjoni;
   c) servizzi turistiċi oħra mhux anċillari għat-trasport jew l-akkomodazzjoni u li jammontaw għal parti sinifikanti tal-pakkett.

It-tqegħid tad-diversi komponenti ta' l-istess pakkett f'kontijiet differenti ma jeħlisx lill-organizzatur jew lill-bejjiegħ mill-obbligazzjonijiet skond din id-Direttiva".

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

17 Libuše Králová, iddomiċiljata fi Praga kkonkludiet mal-aġenzija tal-ivvjaġġar FIRO-tour a.s. kuntratt ta' vjaġġ kollox kompriż li jinkludi, minn naħa, trasport bl-ajru bejn Praga u Keflavík, operat minn Primera, u, min-naħa l-oħra, akkomodazzjoni fl-Islanda.

18 It-titjira bi tluq minn Praga lejn Keflavík tal-25 ta' April 2013, li għaliha L. Králová kellha riżervazzjoni kkonfermata, ġarrbet dewmien ta' iktar minn erba' sigħat. Minħabba dan il-fatt, L Králová ppreżentat rikors għal kumpens kontra Primera quddiem l-Obvodní soud pro Prahu 8 (il-Qorti tad-Distrett Amministrattiv ta' Praga 8, ir-Repubblika Ċeka) għal ammont ta' EUR 400, taħt l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 261/2004.

19 Permezz ta' digriet tal-1 ta' April 2014, l-Obvodní soud pro Prahu 8 (il-Qorti tad-Distrett Amministrattiv ta' Praga 8) iddikjarat li ma kellhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-imsemmi rikors minħabba li r-Regolament Nru 44/2001 ma kienx japplika għar-Renju tad-Danimarka, l-Istat Membru li fih għandha s-sede tagħha Primera. Din il-qorti riedet tgħid li l-ġurisdizzjoni tagħha lanqas ma kienet tirriżulta mis-Sezzjoni 4 tal-Kapitolu II ta' dan ir-regolament, inkwantu L. Králová ma kkonkludietx il-kuntratt ta' trasport ma' Primera, imma mal-aġenzija tal-ivvjaġġar FIRO-tour. Filwaqt li kellha tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' kuntratt bejn il-partijiet fil-kawża, dan, fi kwalunkwe każ, ma jikkonċernax kuntratt li jikkombina vjaġġ u akkomodazzjoni, hekk kif inhu rikjest mill-Artikolu 15(3) tal-imsemmi regolament.

20 L. Králová ppreżentat appell kontra dan id-digriet quddiem il-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga, ir-Repubblika Ċeka), li ċaħditu permezz ta' digriet tal-4 ta' Awwissu 2014. Din l-aħħar qorti kkonstatat li r-Regolament Nru 44/2001 kien japplika għar-Renju tad-Danimarka mill-1 ta' Lulju 2007, iżda dan ma kienx jippermetti li tiġi ġġustifikata l-ġuridizzjoni tal-qrati Ċeki fil-kawża prinċipali.

21 Wara rikors fil-kassazzjoni ippreżentat minn L. Králová quddiem in-Nejvyšší soud (il-Qorti Suprema, ir-Repubblika Ċeka), din il-qorti, permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Settembru 2015, annullat id-digrieti tal-Obvodní soud pro Prahu 8 (il-Qorti tad-Distrett Amministrattiv ta' Praga 8) u tal-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga) u rrinvjat il-kawża quddiem l-Obvodní soud pro Prahu 8 (il-Qorti tad-Distrett Amministrattiv ta' Praga 8), billi ddeċidiet li din il-qorti kellha teżamina jekk Primera setgħetx tiġi mħarrka fid-dawl tal-punt 1 tal-Artikolu 5 u tal-Artikoli 15 u 16 tar-Regolament Nru 44/2001.

22 Il-qorti tar-rinviju tindika li hija ma tistax tiddetermina *prima facie* minn dan ir-regolament jekk, fir-relazzjonijiet bejn trasportatur tal-ajru u konsumatur, meta t-trasport bl-ajru jiġi nnegozjat bħala element ta' vjaġġ kollox kompriż, għandhomx ġurisdizzjoni l-qrati tal-post ta' eżekuzzjoni tal-obbligu kuntrattwali, fis-sens tal-punt 1(b) tal-Artikolu 5 tal-imsemmi regolament, jew il-qrati tad-domiċilju tal-konsumatur, fis-sens tal-Artikolu 16(1) tal-istess regolament.

23 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju għandha dubji fir-rigward ta' jekk Primera, li kellha l-obbligu tikkonforma lilha nnifisha mal-obbligi previsti mir-Regolament Nru 261/2004 tistax tiġi mħarrka għall-finijiet tal-eżwerċizzju tad-drittijiet li jirriżultaw minn dan ir-regolament, kif ukoll fir-rigward tar-rabta bejn ir-responsabbiltà li tirriżulta mill-imsemmi regolament u dik li tirriżulta mid-Direttiva 90/314.

24 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Obvodní soud pro Prahu 8 (il-Qorti tad-Distrett Amministrattiv ta' Praga 8) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Kienet teżisti relazzjoni kuntrattwali bejn ir-rikorrenti u l-konvenuta fis-sens tal-[punt 1 tal-Artikolu 5] tar-Regolament [Nru 44/2001] minkejja li dawn ma kkonkludewx kuntratt u li t-titjira kienet tifforma parti minn pakkett ta' servizzi pprovduti bis-saħħa ta' kuntratt konkluż bejn ir-rikorrenti u terza persuna (aġenzija tal-ivvjaġġar)?

2) Din ir-relazzjoni tista' tiġi kkwalifikata bħala relazzjoni li taqa' taħt kuntratt konkluż minn konsumatur fis-sens tad-dispożizzjonijiet [tas-Sezzjoni 4 tal-Kapitolu II, li tinkludi l-Artikoli 15 sa 17 tar-Regolament Nru 44/2001]?

3) Il-konvenuta [fil-kawża prinċipali] għandha l-kwalità li tiġi mħarrka għall-finijiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet li jirriżultaw mir-Regolament [Nru 261/2004]?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq it-tielet domanda

25 Permezz tat-tielet domanda tagħha, li jeħtieġ li tiġi eżaminata fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-Regolament Nru 261/2004 għandux jiġi interpretat fis-sens li passiġġier ta' titjira li ġarrbet dewmien ta' tliet sigħat jew iktar jistax jippreżenta rikors għal kumpens taħt l-Artikoli 6 u 7 ta' dan ir-regolament kontra t-trasportatur tal-ajru li jopera, anki jekk dan il-passiġġier u dan it-trasportatur bl-ajru ma jkunux ikkonkludew kuntratt bejniethom u li t-titjira inkwistjoni tagħmel parti minn vjaġġ kollox kompriż li jaqa' taħt id-Direttiva 90/314.

26 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, din id-domanda tirrigwarda l-punt dwar jekk ir-Regolament Nru 261/2004 japplikax għal trasportatur tal-ajru li jkun wettaq it-titjira mdewma f'isem il-persuna li kkonkludiet il-kuntratt mal-passiġġier u mingħajr ma t-trasportatur tal-ajru nnifsu jkun ikkonkluda kuntratt ma' dan il-passiġġier.

27 L-Artikolu 2(b) ta' dan ir-regolament jinkludi definizzjoni tal-kunċett ta' "trasportatur ta' l-ajru li jopera", li tipprovdi li dan huwa trasportatur tal-ajru li jwettaq jew li għandu l-intenzjoni jwettaq titjira fil-kuntest ta' kuntratt konkluż ma' passiġġier, jew f'isem persuna oħra, ġuridika jew fiżika, li kkonkludiet kuntratt ma' dan il-passiġġier.

28 Bis-saħħa tal-Artikolu 3(5) tal-istess regolament, dan tal-aħħar japplika għal kull trasportatur tal-ajru li jopera li jiżgura t-trasport tal-passiġġieri minn jew lejn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru. L-istess dispożizzjoni tispeċifika li, meta trasportatur tal-ajru li jopera li ma jkunx ikkonkluda kuntratt

mal-passiġġier jissodisfa l-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, huwa jitqies li qiegħed jaġixxi f'isem il-persuna li kkonkludiet il-kuntest mal-passiġġier ikkonċernat (sentenza tas-7 ta' Marzu 2018, flightright *et*, C-274/16, C-447/16 u C-448/16, EU:C:2018:160, punt 62).

29 Mill-imsemmija dispożizzjonijiet jirriżulta li l-passiġġier ta' titjira mdewma jista' jinvoka r-Regolament Nru 261/2004 kontra t-trasportatur tal-ajru li jopera, anki jekk il-passiġġier u t-trasportatur tal-ajru li jopera ma jkunux ikkonkludew kuntratt bejniethom.

30 It-tieni nett, it-tielet domanda tirrigwarda l-punt dwar jekk iċ-ċirkustanza li l-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkostitwixxi vjaġġ kollox kompriż, fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 90/314, għandhiex effett fuq il-possibbilità għall-passiġġier li jinvoka d-drittijiet li jirriżultaw mill-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament Nru 261/2004 minħabba dewmien fit-titjira.

31 Fir-rigward tar-rabta tar-Regolament Nru 261/2004 mad-Direttiva 90/314, jeħtieġ, qabel kollox, li jiġi osservat li mill-Artikolu 3(6) ta' dan ir-regolament jirriżulta li dan ma jippreġudikax id-drittijiet li l-passiġġieri li jkunu xtraw vjaġġ kollox kompriż jisiltu mill-imsemmija direttiva.

32 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 8(2) tal-imsemmi regolament jiddikjara li d-dritt għar-rimbors tal-biljett japplika wkoll għall-passiġġieri li t-titjira tagħhom tagħmel parti minn vjaġġ kollox kompriż, minbarra l-każ fejn tali dritt jirriżulta mid-Direttiva 90/314.

33 F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li minn din il-formulazzjoni ċara tal-imsemmi Artikolu 8(2) jirriżulta li s-sempliċi eżistenza ta' dritt għar-rimbors, li jirriżulta mid-Direttiva 90/314, hija suffiċjenti għall-esklużjoni ta' passiġġier li t-titjira tiegħu tagħmel parti minn vjaġġ kollox kompriż jista' jitlob tali rimbors tal-biljett tiegħu, bis-saħħa tar-Regolament Nru 261/2004, mingħand it-trasportatur tal-ajru li jopera (sentenza tal-10 ta' Lulju 2019, Aegean Airlines, C-163/18, EU:C:2019:585, punt 31).

34 Madankollu, l-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament Nru 261/2004, li taħthom il-passiġġier inkwistjoni fil-kawża prinċopali ressaq ir-rikors tiegħu għal kumpens, ma jippreveduxderoga ekwivalenti għal dik prevista għar-rimbors tal-biljett fl-Artikolu 8(1) ta' dan ir-regolament, inkwistjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-10 ta' Lulju 2019, Aegean Airlines (C-163/18, EU:C:2019:585).

35 B'hekk, jidher li d-dritt għal kumpens previst fl-Artikolu 7 tal-imsemmi regolament huwa applikabbli f'sitwazzjoni fejn it-titjira mixtrija minn passiġġier tagħmel parti minn vjaġġ kollox kompriż mingħajr ma dan ikollu effett fuq id-drittijiet eventwali li jirriżultaw mid-Direttiva 90/314.

36 Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-ħidma preparatorja tar-Regolament Nru 261/2004. Fil-fatt, hekk kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 72 tal-konklużjonijiet tiegħu, mill-ħidma preparatorja jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma kellux l-intenzjoni li jeskludi lill-passiġġieri li t-titjira tagħhom tagħmel parti minn vjaġġ kollox kompriż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, iżda li jagħtihom id-drittijiet mogħtija minnu, bla ħsara għall-protezzjoni mogħtija lilhom mid-Direttiva 90/314.

37 F'dan ir-rigward, fost id-drittijiet essenzjali li ġew ikkonferiti lill-passiġġieri tal-ajru mir-Regolament Nru 261/2004, id-dritt għal kumpens standardizzat u kkalkolat fil-forma ta' somma f'daqqa, li jirriżulta mill-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament, huwa oneru tat-trasportatur tal-ajru li jopera u ma jsibx ekwivalenti fis-sistema stabbilita mid-Direttiva 90/314, li hija oneru tal-organizzatur tal-vjaġġi.

38 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li r-risposta għat-tielet domanda tkun li r-Regolament Nru 261/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li passiġġier ta' titjira li ġarrbet dewmien ta' tliet siegħat jew iktar jista' jippreżenta rikors għal kumpens taħt l-Artikoli 6 u 7 ta' dan

ir-regolament kontra t-trasportatur tal-ajru li jopera, anki jekk dan il-passiġġier u dan it-trasportatur tal-ajru ma jkunux ikkonkludew kuntratt bejniethom u t-titjira inkwistjoni tkun tagħmel parti minn vjaġġ kollox kompriż li jaqa' taħt id-Direttiva 90/314.

Fuq l-ewwel domanda

39 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-punt 1 tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 44/2001 għandux jiġi interpretat fis-sens li rikors għal kumpens ippreżentat bis-saħħa tar-Regolament Nru 261/2004 minn passiġġier kontra t-trasportatur tal-ajru li jopera jaqax taħt il-kunċett ta' "materji kuntrattwali" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, anki jekk ma jkun ġie konkluż ebda kuntratt bejn il-partijiet u t-titjira operata minn dan it-trasportatur tal-ajru kienet prevista minn kuntratt ta' vjaġġ kollox kompriż konkluż ma' terzi li jinkludi wkoll akkomodazzjoni.

40 Jeħtieġ li jiġi osservat, preliminarjament, li l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 44/2001 kien jipprevedi, fil-punt 1 tiegħu, li persuna ddomiċiljata fit-territorju ta' Stat Membru tista' tiġi mħarrka, fi Stat Membru ieħor, f'materji kuntrattwali, quddiem il-qorti tal-post fejn l-obbligu jservi bħala bażi għat-talba, ġie jew għandu jiġi eżegwit.

41 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-kunċett ta' "materji kuntrattwali" għandu jiġi interpretat b'mod awtonomu sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tiegħu fl-Istati Membri kollha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2018, flightright *et*, C-274/16, C-447/16 u C-448/16, EU:C:2018:160, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-konklużjoni ta' kuntratt ma tikkostitwixxix kundizzjoni għall-applikazzjoni tal-punt 1 tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 44/2001 (sentenza tal-21 ta' April 2016, Austro-Mechana, C-572/14, EU:C:2016:286, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Għalkemm l-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament Nru 44/2001 ma jirrikjedix il-konklużjoni ta' kuntratt, hija ġurisprudenza stabbilita li l-identifikazzjoni ta' obbligu hija xorta waħda indispensabbli għall-applikazzjoni tiegħu peress li l-ġurisdizzjoni tal-qorti bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni hija stabbilita skont il-post fejn l-obbligu li jservi bħala bażi għat-talba ġie jew għandu jiġi eżegwit. B'hekk, il-kunċett ta' "materji kuntrattwali", fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, ma jistax jinftiehem fis-sens li jirrigwarda sitwazzjoni li fiha ma jeżisti ebda impenn meħud liberament minn parti lejn oħra (sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, Česká spořitelna, C-419/11, EU:C:2013:165, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Għaldaqstsnt ir-regola ta' ġurisdizzjoni speċjali f'materji kuntrattwali prevista fil-punt 1 tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 44/2001 tistrieħ fuq il-kawża tal-azzjoni u mhux fuq l-identità tal-partijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2018, flightright *et*, C-274/16, C-447/16 u C-448/16, EU:C:2018:160, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 F'dan il-każ, għaldaqstant hemm lok li jiġi eżaminat, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 43 ta' din is-sentenza, jekk jistax jitqies li trasportatur tal-ajru, li ma kkonkludiex kuntratt ta' trasport mal-passiġġier u li opera titjira prevista minn kuntratt ta' vjaġġ kollox kompriż konkluż minn terzi, jimpenja lilu nnifsu għal obbligu li fir-rigward tiegħu kien hemm kunsens liberu fil-konfront ta' parti oħra u li fuqu hija bbażata l-azzjoni tal-persuna li talbet is-servizz.

46 Fl-ewwel lok, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat li trasportatur tal-ajru, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jista' jiġi kkwalifikat bħala "trasportatur ta' l-ajru li jopera" fis-sens tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament Nru 261/2004, peress li dan wettaq titjira f'isem persuna, ġuridika jew fiżika, li kkonkludiet kuntratt mal-passiġġier ikkonċernat, jiġifieri, f'dan il-każ, l-aġenzija tal-ivvjaġġar.

47 Fit-tieni lok, mit-tieni sentenza tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament Nru 261/2004 jirriżulta li, meta trasportatur tal-ajru li jopera li ma kkonkludiex kuntratt mal-passiġġier iwettaq obbligi li jirriżultaw minn dan ir-regolament, huwa jitqies li qiegħed jaġixxi f'isem il-persuna li kkonkludiet il-kuntratt mal-passiġġier ikkonċernat (digriet tat-13 ta' Frar 2020, flightright, C-606/19, EU:C:2020:101, punt 34).

48 B'hekk, dan it-trasportatur għandu jitqies li jwettaq obbligi li għalihom ingħata kunsens liberu fil-konfront tal-parti l-oħra tal-kuntratt tal-passiġġier ikkonċernat. Dawn l-obbligi jsibu l-oriġini tagħhom fil-kuntratt ta' vjaġġ kollox kompriż li l-passiġġier ikkonkluda mal-aġenzija tal-ivvjaġġar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2018, flightright *et*, C-274/16, C-447/16 u C-448/16, EU:C:2018:160, punt 63).

49 Konsegwentement, rikors għal kumpens minħabba dewmien twil ta' titjira ppreżentat minn dan il-passiġġier kontra l-imsemmi trasportatur tal-ajru li jopera, li ma huwiex il-parti l-oħra fil-kuntratt mal-imsemmi passiġġier, għandu xorta waħda jitqies li ġie ppreżentat għal materji kuntrattwali, fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 44/2001.

50 Iċ-ċirkustanza li kuntratt ta' trasport bl-ajru jagħmel parti minn vjaġġ kollox kompriż, fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 90/314, li jinkludi akkomodazzjoni, ma hijiex tali li tinvalida din il-konstatazzjoni.

51 Fil-fatt, din il-partikolarità ma tbiddel la n-natura kuntrattwali tal-obbligi ġuridiċi li jinvoka l-passiġġier, la l-kawża tal-azzjoni tiegħu, li tista', għalhekk titressaq quddiem qorti jew oħra tal-post ta' eżekuzzjoni tal-obbligi kuntrattwali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2018, flightright *et*, C-274/16, C-447/16 u C-448/16, EU:C:2018:160, punti 68 u 69, kif ukoll id-digriet tat-13 ta' Frar 2020, flightright, C-606/19, EU:C:2020:101, punti 26 u 27).

52 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, jeħtieġ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun li l-punt 1 tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 44/2001 għandu jiġi interpretat fis-sens li rikors għal kumpens ippreżentat bis-saħħa tar-Regolament Nru 261/2004 minn passiġġier kontra t-trasportatur tal-ajru li jopera jaqa' taħt il-kunċett ta' "materji kuntrattwali" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, anki jekk ma jkun ġie konkluż ebda kuntratt bejn il-partijiet u t-titjira operata minn dan it-trasportatur tal-ajru kienet prevista minn kuntratt ta' vjaġġ kollox kompriż konkluż ma' terzi li jinkludi wkoll akkomodazzjoni.

Fuq it-tieni domanda

53 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 15 sa 17 tar-Regolament Nru 44/2001 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li rikors għal kumpens ippreżentat minn passiġġier kontra t-trasportatur tal-ajru li jopera, li miegħu dan il-passiġġier ma kkonkluda ebda kuntratt, jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn l-artikoli relatati mal-ġurisdizzjoni speċjali fil-qasam ta' kuntratti konklużi mill-konsumaturi.

54 Preliminarjament, jeħtieġ li jitfakkar li r-regoli ta' ġurisdizzjoni msemmija fis-Sezzjoni 4 tal-Kapitolu II tar-Regolament Nru 44/2001, li jinkludi l-Artikoli 15 sa 17 ta' dan ir-regolament, jippermettu lil konsumatur jagħżel li jippreżenta l-azzjoni tiegħu jew quddiem il-qorti tad-domiċilju tiegħu, jew quddiem il-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu hija ddomiċiljata l-parti l-oħra fil-kuntratt.

55 Dawn ir-regoli jikkostitwixxu deroga kemm mir-regola ġenerali ta' ġurisdizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(1) tal-imsemmi regolament, li jattribwixxi l-ġurisdizzjoni lill-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-konvenut huwa ddomiċiljat, kif ukoll ir-regola ta' ġurisdizzjoni speċjali f'materji kuntrattwali, iddikjarata fil-punt 1 tal-Artikolu 5 tal-istess regolament. B'hekk, l-imsemmija regoli li

jinsabu f'din is-Sezzjoni 4 għandhom neċessarjament ikunu suġġetti għal interpretazzjoni stretta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, Česká spořitelna, C-419/11, EU:C:2013:165, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

56 Il-ġurisdizzjoni tal-qrati hija ddeterminata mill-imsemmija Sezzjoni 4 fil-każ fejn it-tliet kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 44/2001 jiġu ssodisfatti, jiġifieri, l-ewwel nett, li parti kuntrattwali jkollha l-kwalità ta' konsumatur li jaġixxi f'kuntest li jista' jitqies bħala estraneu għall-attività professjonali tiegħu, it-tieni nett, il-kuntratt bejn tali konsumatur u professjonist ikun effettivament ġie konklużż u, it-tielet nett, tali kuntratt ikun jaqa' taħt waħda mill-kategoriji msemmija fl-Artikolu 15(1)(a) sa (c). Dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiġu ssodisfatti b'mod kumulattiv, b'tali mod li, jekk waħda mit-tliet kundizzjonijiet ma tiġix issodisfatta, il-ġurisdizzjoni ma tistax tiġi ddeterminata skont ir-regoli f'materji kuntrattwali konklużi mill-konsumaturi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Jannar 2015, Kolassa, C-375/13, EU:C:2015:37, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57 F'dan il-każ, id-domanda tal-qorti tar-rinviju tirrigwarda l-punt dwar jekk it-tliet kundizzjonijiet imsemmija fil-punt preċedenti jistgħux jitqiesu li ġew issodisfatti fil-konfront tar-relazzjoni ġuridika bejn passiġġier u t-trasportatur tal-ajru, meta dawn ma jkunux ikkonkludew kuntratt bejniethom.

58 F'dan ir-rigward, jeħtieġ, l-ewwel nett, li jiġi osservat li b'differenza tal-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tar-regoli ta' ġurisdizzjoni speċjali li jirriżultaw mill-punt 1 tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 44/2001 huwa determinanti għall-applikazzjoni tar-regoli tal-ġurisdizzjoni li jirriżultaw mis-Sezzjoni 4 tal-Kapitolu II ta' dan ir-regolament li l-partijiet fit-tilwima jkunu wkoll il-partijiet fil-kuntratt.

59 Fil-fatt, hekk kif osservaw l-Avukat Ġenerali fil-punt 48 tal-konklużjonijiet tiegħu u l-Gvern Ċek fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, l-artikoli tal-imsemmija Sezzjoni 4 jagħmlu riferiment għall-"kuntratt konklużż minn […] il-konsumatur", għall-"konsumatur [li] jidħol f'kuntratt ma' parti", għall-"parti l-oħra ta' kuntratt" konklużż mal-konsumatur, jew ukoll għall-ftehimiet dwar ġurisdizzjoni applikabbli magħmula bejn il-"konsumatur u l-parti l-oħra tal-kuntratt".

60 Dawn ir-riferimenti jissostanzjaw interpretazzjoni li skontha, għall-applikazzjoni tal-istess Sezzjoni 4, rikors ippreżentat minn konsumatur għandu jkun dirett kontra l-parti l-oħra fil-kuntratt miegħu.

61 B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-regoli ta' ġurisdizzjoni stabbiliti, f'materji kuntrattwali konklużi mill-konsumaturi, fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 44/2001 japplikaw, konformement mal-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, biss mal-azzjoni ppreżentata mill-konsumatur kontra l-parti l-oħra tal-kuntratt, liema fatt jimplika neċessarjament il-konklużjoni ta' kuntratt mill-konsumatur mal-professjonist li kontrih titressqet l-azzjoni (sentenza tal-25 ta' Jannar 2018, Schrems, C-498/16, EU:C:2018:37, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 It-tieni nett, interpretazzjoni li skontha r-regoli ta' ġurisdizzjoni fil-qasam tal-kuntratti konklużi mill-konsumaturi, stabbiliti fis-Sezzjoni 4 tal-Kapitolu II tar-Regolament Nru 44/2001 ma japplikawx f'sitwazzjoni li fiha jinkiser kuntratt bejn il-konsumatur u l-professjonist hija konformi mal-għan, imsemmi fil-premessa 11 ta' dan ir-regolament, li jiġi żgurat livell għoli ta' prevedibbiltà fir-rigward tal-attribuzzjoni tal-ġurisdizzjoni.

63 Fil-fatt, hekk kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 57 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-possibbiltà għall-konsumatur li jħarrek lill-professjonist quddiem il-qorti li fil-ġurisdizzjoni tiegħu jinsab id-domiċilju ta' dan il-konsumatur hija kkontrobilanċjata bir-rekwiżit tal-konklużjoni ta' kuntratt bejniethom, li minnu tirriżulta l-imsemmija prevedibbiltà għall-konvenut.

64 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja, ċertament irrilevat li l-kunċett ta' "parti oħra fil-kuntratt" previst fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 44/2001, għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi wkoll il-parti l-oħra fil-kuntratt mal-operatur li miegħul-konsumatur ikkonkluda dan il-kuntratt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2013, Maletic, C-478/12, EU:C:2013:735, punt 32). Madankollu, din l-interpretazzjoni tistrieħ fuq ċirkustanzi speċifiċi, li fihom il-konsumatur kien sa mill-bidu kuntrattwalment marbut, b'mod indissoċjabbli, ma' żewġ partijiet oħra fil-kuntratt (sentenza tat-28 ta' Jannar 2015, Kolassa, C-375/13, EU:C:2015:37, punt 33).

65 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, hemm lok li r-risposta għat-tieni domanda tkun li l-Artikoli 15 sa 17 tar-Regolament Nru 44/2001 għandhom jiġu interpretati fis-sens li rikors għal kumpens ippreżentat minn passiġġier kontra t-trasportatur tal-ajru li jopera, li miegħu dan il-passiġġier ma kkonkluda ebda kuntratt, ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn l-artikoli relatati mal-ġurisdizzjoni speċjali fil-qasam ta' kuntratti konklużi mal-konsumaturi.

Fuq l-ispejjeż

66 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91, għandu jiġi interpretat fis-sens li passiġġier ta' titjira li ġarrbet dewmien ta' tliet sigħat jew iktar jista' jippreżenta rikors għal kumpens taħt l-Artikoli 6 u 7 ta' dan ir-regolament kontra t-trasportatur tal-ajru li jopera, anki jekk dan il-passiġġier u dan it-trasportatur tal-ajru ma jkunux ikkonkludew kuntratt bejniethom u t-titjira inkwistjoni tkun tagħmel parti minn vjaġġ kollox kompriż li jaqa' taħt id- Direttiva tal-Kunsill 90/314 tat-13 ta' Ġunju 1990 dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel), il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż.**

2) **Il-punt 1 tal-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li rikors għal kumpens ippreżentat bis-saħħa tar-Regolament Nru 261/2004 minn passiġġier kontra t-trasportatur tal-ajru li jopera jaqa' taħt il-kunċett ta' "materji kuntrattwali" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, anki jekk ma jkun ġie konkluż ebda kuntratt bejn il-partijiet u t-titjira operata minn dan it-trasportatur tal-ajru kienet prevista minn kuntratt ta' vjaġġ kollox kompriż konkluż ma' terzi li jinkludi wkoll akkomodazzjoni.**

3) **L-Artikoli 15 sa 17 tar-Regolament Nru 44/2001 għandhom jiġu interpretati fis-sens li rikors għal kumpens ippreżentat minn passiġġier kontra t-trasportatur tal-ajru li jopera, li miegħu dan il-passiġġier ma kkonkluda ebda kuntratt, ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn l-artikoli relatati mal-ġurisdizzjoni speċjali fil-qasam ta' kuntratti konklużi mal-konsumaturi.**

Firem